

GĦAŻLA TA' PERSUNAL TEMPORANJU GĦAD-DIRETTORAT ĠENERALI GĦALL-VIĊINAT U N-NEGOZJATI GĦAT-TKABBIR (DĠ NEAR)

Il-Kummissjoni Ewropea qed torganizza proċedura tal-għażla esterna biex timla l-kariga ta' Konsulent Ekonomiku fid-Direttorat Ġenerali għall-Viċinat u n-Negozjati għat-Tkabbir (DĠ NEAR) ma' NEAR.A. Il-pożizzjoni hija bbażata fi Brussell, il-Belġju.

1. NATURA TAD-DMIRIJIET

Ir-responsabbiltajiet tal-Konsulent Ekonomiku jinkludu:

- Imexxi, flimkien mal-Unità NEAR A3, l-appoġġ tematiku fid-DĠ NEAR dwar il-governanza ekonomika, il-kummerċ, l-iżvilupp tas-settur privat u l-kompetittività, inkluż il-politika ta' investiment u l-iżvilupp tal-kapital uman, inkluża s-saħħa.
- Li jagħti pariri dwar l-aspetti ekonomiċi fid-djalogu mal-pajjiżi sħab u jispjega l-attivitajiet tad-DĠ NEAR fil-qasam tal-governanza ekonomika u l-iżvilupp soċjoekonomiku lill-pajjiżi sħab, lill-Istati Membri, l-organizzazzjonijiet pubbliċi u privati u partijiet terzi oħra u lill-pubbliku inġenerali, permezz ta' preżentazzjonijiet f'konferenzi, seminars, workshops, eċċ.
- F'koordinazzjoni mal-ekonomisti tal-pajjiż fid-DĠ NEAR u f'kollaborazzjoni mad-DĠ ECFIN, id-DĠ TRADE u Direttorati Ġenerali rilevanti oħra jipprovdi analiżi lill-maniġment superjuri u pariri dwar il-politiki soċjoekonomiċi (inkluż il-kummerċ) tal-UE u l-implikazzjoni tagħhom għall-politiki tad-DĠ NEAR.
- Tiġi żgurata l-konsistenza tal-assistenza finanzjarja b'appoġġ għall-iżvilupp soċjoekonomiku taħt l-IPA III u l-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali — Ewropa Globali (NDICI) ma' strumenti oħra ta' assistenza tal-UE, b'mod partikolari l-assistenza makrofinanzjarja.
- Jirrappreżenta lid-Direttorat u lid-DĠ NEAR, kif meħtieġ, vis à vis l-awtoritajiet tal-pajjiżi msieħba, l-organizzazzjoni pubblika u privata u partijiet terzi oħra.
- Jiżgura l-punt fokali għad-DĠ TRADE u l-Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ (ETF).

2. TIP TA' KUNTRATT U T-TUL TIEGĦU

Il-kandidat ammess jista' jiġi offrut kuntratt temporanju skont il-punt (a) tal-Artikolu 2 tal-Kundizzjonijiet tal-Impjieġ applikabbli għall-Aġenti l-Oħra tal-Unjoni Ewropea (Conditions of Employment of Other Servants, CEOS)¹, f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tas-16 ta' Diċembru 2013 dwar il-politiki għall-ingaġġar u l-użu tal-aġenti temporanji². It-tul massimu tal-kuntratt inizjali huwa ta' erba' snin, bil-possibbiltà li jiġi mġedded għal massimu ta' sentejn.

¹ <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/EN/TXT/PDF/?uri=CELEX:01962R0031-20210101&qid=1612978342056&from=EN>

²

https://ec.europa.eu/info/sites/info/files/jobs_at_the_european_commission/job_opportunities/documents/commission-decision-temporary-agents-c-2013-9049-en.pdf

It-tul massimu tal-kuntratt iqis ukoll id-dispożizzjonijiet rilevanti fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-28 ta' April 2004 kif emendata bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tas-16 ta' Diċembru 2013 dwar it-tul massimu ta' rikors għall-persunal mhux permanenti (seba' snin tul perjodu ta' tnax-il sena)³.

POST TAL-IMPJIEG Brussell, IL-BELĠJU

LIVELL AD13

3. KUNDIZZJONIJIET TAL-AMMISSJONI

3.1. Kundizzjonijiet ġenerali

Il-kandidati jridu jissodisfaw il-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 12 tal-Kundizzjonijiet ta' Impjieg ta' Impjegati Oħra tal-Unjoni Ewropea (CEOS), li jinkludu li wieħed irid ikun nazzjonal ta' Stat Membru tal-Unjoni Ewropea.

L-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea japplikaw politika ta' opportunitajiet indaqs u jaċċettaw applikazzjonijiet mingħajr distinzjoni abbażi ta' sess, razza, kulur, oriġini soċjali jew etnika, karatteristiċi ġenetiċi, lingwa, reliġjon jew twemmin, opinjoni politika jew ta' natura oħra, appartenenza għal minoranza nazzjonali, proprjetà, twelid, diżabbiltà, età jew orjentazzjoni sesswali.

3.2. Kundizzjonijiet speċifiċi

3.2.1 Kwalifiki

Sal-iskadenza għas-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet, il-kandidati jrid ikollhom:

Livell ta' edukazzjoni li jikkorrispondi ma' studji universitarji kkompletati, iċċertifikat b'diploma meta l-perjodu normali ta' l-edukazzjoni universitarja hija erba' snin jew aktar.

Jew

Livell ta' edukazzjoni li jikkorrispondi għal studji universitarji mitmuma ta' mill-anqas tliet snin, iċċertifikati b'diploma u esperjenza professjonali adegwata ta' mill-inqas sena.

L-esperjenza professjonali meħtieġa ta' mill-inqas sena hija meqjusa bħala parti integrali mid-diploma u ma tistax tiġi kkunsidrata mal-esperjenza professjonali meħtieġa hawn isfel.

Għandhom jiġu kkunsidrati biss id-diplomi li jkunu ngħataw fl-Istati Membri tal-UE jew li jkunu soġġetti għal ċertifikati ta' ekwivalenza maħruġa mill-awtoritajiet ta' wieħed minn dawn l-Istati Membri.

Lawrja universitarja fil-qasam tal-ekonomija, il-liġi, ix-xjenzi soċjali, ix-xjenzi politiċi jew dixxiplina rilevanti, direttament relatata, tkun ta' vantaġġ.

³https://ec.europa.eu/info/sites/info/files/jobs_at_the_european_commission/job_opportunities/documents/commission-decision-maximum-duration-non-permanent-staff-c-2013-9028-en.pdf

3.2.2 Esperjenza

Biex wieħed ikun eliġibbli għall-proċedura ta' selezzjoni, fid-data tal-għeluq għat-tressiq tal-applikazzjonijiet stabbilita b'dan l-avviż, il-kandidati jridu juru, apparti l-kwalifiki meħtieġa hawn fuq, esperjenza professjonali ta' mill-inqas 15-il sena, miksuba wara li tkun inkisbet id-diploma meħtieġa.

Esperjenza speċifika

Il-kandidat magħżul għandu jkun professjonist eċċezzjonali u dinamiku li jenħtieġ li jissodisfa l-kriterji li ġejjin:

- Fehim tajjeb tal-politiki tal-UE u esperjenza ta' xogħol fil-qasam tal-iżvilupp soċjoekonomiku b'mod partikolari fil-kummerċ u l-iżvilupp tas-settur privat; Esperjenza fi kwalunkwe wieħed mill-oqsma li ġejjin hija assi: affarijiet monetarji, assistenza makrofinanzjarja, esperjenza fl-iżvilupp tal-kapital uman (edukazzjoni, impjieg, protezzjoni soċjali u kultura).
- Fehim tajjeb ħafna tal-politiki li jaqgħu taħt il-kompetenza tad-DĠ NEAR.

Komunikazzjoni u negozjati

- Ħiliet interpersonali, ta' teħid ta' deċiżjonijiet u ta' negozjar eċċellenti f'livell għoli u kapaċità tajba ħafna li jikkomunika b'mod effikaċi u effettiv mal-partijiet ikkonċernati kollha ġewwa jew barra mill-Kummissjoni u biex jibni relazzjonijiet ta' fiduċja magħhom;
- Il-ħila li jiżviluppa, u jikkomunika ma' udjenzi differenti, messaġġ ċar u rilevanti u stampa pożittiva tal-istituzzjonijiet Ewropej b'mod ġenerali u tal-Kummissjoni b'mod partikolari.

Kwalitajiet personali

- Il-ħila li jaġixxi b'mod effiċjenti u b'korteżija mal-persuni ta' kuntatt u l-kollegi kollha, u b'hekk jistabbilixxi relazzjonijiet ta' ħidma tajbin ħafna;
- Reżistenti għall-istress;
- Ħiliet analitiċi b'saħħithom u kapaċità tajba ħafna ta' sinteżi, bil-ħsieb li jissolvew problemi kumplessi bbażati fuq ġudizzju sod;
- Kapaċità tajba ħafna biex jorganizza u jistruttura xogħlu.

L-elementi li ġejjin se jitqiesu bħala vantaġġi kbar:

- Esperjenza fl-operat f'ambjent ġeopolitiku delikat ta' sensitività politika, kif ukoll fl-analiżi, it-tfassil u l-formulazzjoni tal-politika, esperjenza ppruvata fir-rappreżentanza tal-Kummissjoni (jew Istituzzjoni) fil-konfront ta' pajjiżi sħab jew istituzzjonijiet oħra tal-UE; esperjenza fil-ġestjoni tal-għarfien u l-kapaċità li jinbnew relazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati interni rilevanti (DĠ EAC, DĠ EMPL, eċċ.) u partijiet ikkonċernati esterni (il-Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ, il-Bank Dinji, in-NU, eċċ.).

3.3. Lingwi

Skont il-punt (e) tal-Artikolu 12(2) tal-Kondizzjonijiet tal-Impjieg applikabbli għall-Aġenti l-Oħra tal-Unjoni Ewropea, il-kandidati jrid ikollhom għarfien tajjeb ta' waħda mil-lingwi tal-UE u għarfien sodisfaċenti ta' lingwa oħra tal-UE. L-għarfien ta' lingwi addizzjonali tal-UE jkun ta' vantaġġ.

Il-kandidat għandu jkollu ħiliet eċċellenti fit-taħdit u fil-kitba sabiex jikkomunika b'mod effiċjenti u mexxej ma' partijiet ikkonċernati kemm interni kif ukoll esterni.

4. ANDAMENT TAL-PROCĊEDURA

Se jkun hemm tliet stadji separati u suċċessivi tal-proċedura:

4.1. Selezzjoni Preliminari

4.1.1 Preselezzjoni bbażata fuq il-kwalifiki

Il-kumitat tas-selezzjoni, magħmul f'konformità mal-Artikolu 2(c) tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tas-16 ta' Diċembru 2013 dwar il-politiki għall-ħatra u l-użu ta' aġenti temporanji, se jagħmel prekwalikazzjoni abbażi tal-kwalifiki u tal-esperjenza professjonali. Għal dan il-għan, il-kandidati huma mitlubin jipprovdu tliet dokumenti:

- a) formola tal-applikazzjoni mimlija;
- b) CV;
- c) u ittra ta' motivazzjoni.

Sabiex il-kumitat tal-preselezzjoni jkun jista' jiddeċiedi fuq l-ammissjoni tal-applikazzjonijiet, il-kandidati huma mitluba li jindikaw b'mod ċar f'dawn id-dokumenti:

- a) Għall-istudji: id-dati tal-bidu u tat-tmiem, it-tul normali taċ-ċiklu komplet u t-titlu eżatt tad-diploma miksuba;
- b) Għall-esperjenzi professjonali: id-dati tal-bidu u tat-tmiem ta' kull esperjenza u n-natura eżatta tal-funzjonijiet.

Jekk wieħed mit-tliet dokumenti msemmin hawn fuq ikun nieqes jew jekk id-dokumenti ma jaslux sal-iskadenza taż-żmien stipulata, l-applikazzjoni titqies nulla u bla effett.

Billi din il-preselezzjoni hija eliminatorja, il-kandidati magħżula fis-selezzjoni preliminari jiġu mistiedna għall-istadju tas-selezzjoni (ara t-Taqsima 4.2 iktar 'l isfel).

Id-dokumenti ta' prova msemminja fit-Taqsima 4.1.2 MHUMIEX meħtieġa f'dan l-istadju. Dawn jintalbu fi stadju aktar tard tal-proċedura tas-selezzjoni (ara t-Taqsima 4.1.2).

4.1.2 Dokumenti ġustifikattivi

Qabel ma ssir l-intervista kif deskritta fit-Taqsima 4.2 hawn isfel, il-kandidati magħżula fis-selezzjoni preliminari jridu jipprovdu d-dokumenti uffiċjali ta' sostenn li jikkonfermaw l-informazzjoni ddikjarata fil-formola tal-applikazzjoni, fis-CV u fl-ittra ta' motivazzjoni tagħhom. Jekk dawn id-dokumenti ma jiġux ipprovduti qabel l-iskadenza ta' żmien indikata fl-ittra ta' stedina għall-intervista, l-applikazzjoni tiġi ddikjarata nulla u bla effett.

Id-dokumenti uffiċjali ta' prova mitluba, li għandhom jintbagħtu biss mill-kandidati mistiedna għal intervista se jkunu:

- Kopja ta' dokument li juri ċ-ċittadinanza (karta tal-identità jew passaport);
- Kopja tad-diploma/i jew taċ-ċertifikat(i) fil-livell ta' edukazzjoni meħtieġ;
- Ċertifikati tal-impjeg li jagħtu prova tat-tul ta' żmien tal-esperjenza professjonali.

Dawn id-dokumenti jridu juru biċ-ċar id-dati tal-bidu u tat-tmiem u l-kontinwità ta' kull perjodu ta' esperjenza professjonali li għandu jitqies għal din il-proċedura ta' selezzjoni. Għal dan il-għan, idealment il-kandidati għandhom jipproduċu ċ-ċertifikati tal-impjeg mill-impjegatur preċedenti tagħhom jew minn dak attwali. Fin-nuqqas ta' dan, jiġu aċċettati, pereżempju, kopji tad-dokumenti li ġejjin: kuntratti tal-impjeg, flimkien mal-ewwel u l-aħħar dikjarazzjoni tas-salarju u d-dikjarazzjoni tas-salarju tal-aħħar xahar għal kull sena intermedja fil-każ ta' kuntratt ta' aktar minn sena, ittri uffiċjali jew atti ta' ħatra, akkumpanjati mill-aħħar dikjarazzjoni tas-salarju, ir-rekords tal-impjeg, u d-dikjarazzjonijiet tat-taxxa.

L-aċċettazzjoni aħħarija tal-applikazzjoni hija soġġetta għall-preżentazzjoni tad-dokumenti ta' prova meħtieġa. Jekk dawn id-dokumenti ma jaslux qabel l-iskadenza ta' żmien stipulata fl-ittra tas-selezzjoni preliminari u fl-istedina għall-intervista, l-applikazzjoni titqies bħala nulla.

Jekk il-kandidati jkollhom xi dubji dwar in-natura jew il-validità tad-dokumenti li jridu jippreżentaw, jenħtieġ li jikkuntattjaw lis-segretarju tal-kumitat ta' selezzjoni mill-inqas għaxart ijiem tax-xogħol qabel l-iskadenza, permezz tal-kaxxa postali elettronika fl-indirizz li ġej:

HR-2021_NEAR_ADVISER@ec.europa.eu

L-għan hu li sal-iskadenza, il-kandidati jkunu jistgħu joħolqu faxxiklu sħiħ u aċċettabbli.

Aktar tard, il-kandidat magħżul se jintalab jippreżenta l-oriġinal ta' kull wieħed mid-dokumenti mitluba għall-fini taċ-ċertifikazzjoni.

4.2. Selezzjoni

Il-kandidati li jkunu temmew b'suċċess l-istadju ta' ammissjoni jiġu mistiedna għal intervista biex jiġu vvalutati u mqabbla b'mod oġġettiv u imparzjali fuq il-bażi tal-kwalifiki, l-esperjenza professjonali u l-għarfien tal-lingwi tagħhom, kif stipulat f'dan l-avviż.

Sabiex il-proċedura ta' selezzjoni titlesta malajr kemm jista' jkun fl-interess tal-kandidati kif ukoll f'dak tal-istituzzjoni, il-proċedura tas-selezzjoni se ssir bl-Ingliż u/jew bil-Franċiż biss⁴.

⁴ Il-bord tas-selezzjoni jiżgura li ma jingħata l-ebda vantaġġ inġust lill-kelliema nattivi ta' dawn il-lingwi.

Il-lista tal-kandidati li jirnexxu tibqa' valida għal massimu ta' sentejn. Il-validità tal-lista tista' tiġi estiża.

5. APPLIKAZZJONIJIET

Il-formola tal-applikazzjoni, flimkien mas-CV u l-ittra ta' motivazzjoni jridu jintbagħtu f'dan l-indirizz:

HR-2021_NEAR_ADVISER@ec.europa.eu

Għal raġunijiet funzjonali u sabiex il-proċedura tas-selezzjoni tintemm malajr kemm jista' jkun fl-interess tal-kandidati kif ukoll dak tal-istituzzjoni, is-CV u l-ittra ta' motivazzjoni jridu jinkitbu bl-Ingliż, bil-Franċiż jew bil-Ġermaniż.

Il-kandidati huma mitluba jibagħtu l-applikazzjonijiet tagħhom f'ittra elettronika waħda f'format .zip jew .pdf. Il-Kummissjoni tirriżerva d-dritt li awtomatikament tneħħi l-messaġġi kollha akbar minn 2 MB.

Id-data inkluża fil-formola tal-applikazzjoni ma tkunx tista' tinbidel wara li jiskadi ż-żmien għall-preżentazzjoni tal-applikazzjonijiet. Id-dritt ta' rettifika ma jistax jiġi eżerċitat wara li jiskadi ż-żmien għall-preżentazzjoni tal-applikazzjonijiet.

Jenħtieġ li l-kandidati jużaw l-istess kaxxa postali funzjonali għall-korrispondenza kollha tagħhom mal-kumitat tas-selezzjoni inklużi t-talbiet għall-informazzjoni. Hija r-responsabbiltà tal-kandidat li jinforma lis-segretarju tal-kumitat tas-selezzjoni dwar kull bidla fl-indirizz tal-email tiegħu matul il-proċedura tas-selezzjoni.

Il-Kummissjoni Ewropea tapplika politika ta' opportunitajiet indaqs. Il-Kummissjoni tħeġġeġ b'mod partikolari applikazzjonijiet mingħand nisa.

Id-data tal-ghelug għall-preżentazzjoni tal-applikazzjonijiet hija **1-30 ta' Settembru 2021, 12:00 (nofsinhar, ħin ta' Brussell).**

6. INFORMAZZJONI ADDIZZJONALI

Dan l-avviż tas-selezzjoni huwa ppubblikat fl-24 lingwa uffiċjali tal-Unjoni Ewropea fuq is-siti web tad-Direttorat Ġenerali għan-Negożjati tal-Viċinat u għat-Tkabbir DG NEAR u l-Uffiċċju Ewropew għas-Selezzjoni tal-Persunal (EPSO).

Kull komunikazzjoni diretta bejn il-kandidati u s-servizzi tal-Kummissjoni ssir esklużivament bl-email. Għalhekk, sabiex is-servizzi tal-Kummissjoni jkunu jistgħu jikkuntattjaw lill-kandidati, kull kandidat huwa mitlub jindika indirizz elettroniku validu li jista' jintuża tul il-proċedura kollha tas-selezzjoni.